KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Tnejn u Ħamsin (52)***

***It-Tlieta, 13 ta' Settembru, 2022***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-laqgħa tal-Kunsill fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm) fil-bini tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq.

**PREŻENTI:**

IS-SINDKU DARREN ABELA
IL-KUNSILLIERA ROSE AGIUS
IL-KUNSILLIER KEITH FENECH

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

IL-VICI SINDKU CHRISTINE DALLI
IL-KUNSILLIER ANDREAS GATT

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippressjeda l-Laqgħa.

**52.1 Qari ta' l-ittri tal-apoloġiji**

52.1.1 Tressqu żewġ ittri ta' apoloġiji mingħand il-Vici-Sindku Christine Dalli kif ukoll mingħand il-Kunsillier Andreas Gatt fejn infurmaw li se jkunu assenti minħabba raġunijiet ta' saħħa. Il-Kunsill approva iż-żewġ ittri mressqa.

**52.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

52.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq għall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 50 li nżammet nhar il-Ħamis, 4 t'Awwissu, 2022.

52.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 50 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moħqrija.

52.2.3 **Mozzjoni 52-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 50.
Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: Il-Kunsillier Keith Fenech
Il-Minuti Numru 50 ġew approvati unanimament mill-membri preżenti.

52.2.4 Is-Sindku Darren Abela ressaq għall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 51 li nżammet nhar it-Tlieta, 9 t'Awwissu, 2022.

52.2.5 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 51 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moħqrija.

52.2.6 **Mozzjoni 52-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 51.
Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: Il-Kunsillier Keith Fenech
Il-Minuti Numru 51 ġew approvati unanimament mill-membri preżenti.

## 52.3 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti</u>

### *A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 52(08) – Settembru 2022*

52.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 52(08) permezz cheque numru 7197-7198 (ref. 10493-10494) kif ukoll permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 10485 sa 10513 li jammontaw €35,807.85

52.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellmet dwar il-ħlas addizzjonali lill-ħaddiema tal-Kunsill li daħlu wara l-marċ ta' Santa Marija jnaddfu l-Pjazza u l-madwar minħabba li d-Dipartiment tat-tindif infurana li ma jistax inaddaf. Il-Kunsill qabel li bħala ħlas jingħataw €200 kull wieħed bħal ma ingħataw fil-festa ta' San Gużepp.

52.3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll żewġ ħlasijiet lill-Għaqda Mużikali Santa Marija għas-servizz li taw fil-Milied 2021 u fil-Karnival 2022. Il-ħlas huwa ta' €600 għal Milied kif ukoll €1000 għall-Karnival, bħas-snin preċedenti. Il-Kunsill approva dawn il-pagamenti.

52.3.4 **Mozzjoni 52-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 52(08) bl-ammont ta' €35,807.85 kif ukoll il-pagamenti msemmija f'materja 52.3.2 u 52.3.3

Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech
Sekondant: Il-Kunsillier Rose Agius

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 52(08) ġiet approvata unanimament mill-membri preżenti.

## 52.4 <u>Approvazzjoni tal-Kuntratt tal-Bejgħ tal-garaxx tal-Kunsill</u>

52.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill, draft tal-kuntratt dwar il-bejgħ tal-garaxx tal-Kunsill.

52.4.2 Wara diskussjoni dwar il-kuntratt, il-Kunsill qabel li jitlob lix-xerrej garaxx għal-kiri ta' sentejn (skond kif kien rekwiżit fit-tender) iżda jkun iktar viċin Ħal Għaxaq. Il-Kunsill qabel li jkellem lix-xerrej dwar dan.

52.4.3 Il-Kunsilliera Rose Agius issuġġerixxiet li d-draft tal-kuntratt jintbagħat lill-Avukat tal-Kunsill, sabiex jikkonferma li l-klawsoli mniżżla huma konformi mal-liġijiet.

52.4.4 Il-Kunsillier Keith Fenech, innota klawsola fejn imsemmi li 'x-xerrejja qegħdin jakkwistaw propjeta' bl-intenzjoni li jistabbilixxu fiha d-dar ta' residenza ewlenija'. Din il-klawsola għandha tiġi mitkellma man-Nutar minħabba li l-propjeta' hija garaxx.

**52.5 Korrispondenza**

52.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet kwotazzjoni sabiex issir ir-rampa tal-Kappillan, fil-Knisja. L-istima hija ta' €450. Is-Sindku kkonferma li r-rampa saret mill-ħaddiem tal-Kunsill u twaħħlet fit-8 ta' Settembru meta kienet festa pubblika. Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li ġiet infurmata li r-rampa ma nħadmitx mill-ħaddiem tagħna, għaldaqstant il-Kunsill qabel li jiċċekja l-affarijiet kollha u terġa titressaq fil-Laqgħa li jmiss.

52.5.2 Tressaq il-ħsieb li fil-Presepju tal-Milied jiżdiedu xi ġmula. Biex isir id-disinn tagħhom inġiebet stima ta' €175. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet li jekk hemm xi ħadd li forsi jista' jagħmel disinn għandu javviċina l-Kunsill. Il-Kunsillier Keith Fenech qal li se jkellem lil xi ħadd.

52.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet kwotazzjoni sabiex isiru *wheel stoppers* minflok *planters* fi Triq it-Tgezwira. L-istima hija ta' €604.16. Il-Kunsill qabel li jsiru.

52.5.4 Tressqet talba sabiex titwaħħal bollards faċċata tal-Convenience, fi Vjal il-Labour minħabba li qed jitilgħu ħafna trakkijiet fuq il-bankina. Il-Kunsill qabel li nikkonfermaw preċiż fejn hi it-talba u naraw jekk il-bankina hiex wiesa' biżżejjed.

52.5.5 Tressqet korrispondenza mingħand ir-Reġjun rigward fond għall-Smart Playgrounds. L-ammont allokat għal kull Kunsill huwa ta' €100,000. Il-Kunsill ppropona li naraw tistax issir *Accessible swing set* fil-bandli l-ġdid u smart equipment isir fil-Housing Estate.

52.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill irċieva xi ilmenti rigward id-deċiżjoni li ttieħdet sabiex jitneħħew żewġ parkeġġi fi Triq San Filippu u jsir double yellow line biex titnaqqas il-konfużjoni li kuljum kienet tinħoloq. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat ukoll li TM talbu lill-Kunsill spjegazzjoni kif din saret mingħajr l-approvazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill ilu sentejn li ressaq it-talba lill-TM iżda risposta qatt ma ingħatat. Għaldaqstant il-Kunsill kellu jieħu deċiżjoni biex din issir b'mod urġenti biex jitnaqqas il-periklu.

52.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ilment rigward il-ħajt li hemm imwaqqa' fi Triq il-Fejġel. Is-Sindku Darren Abela qal li xi tliet snin ilu il-Kunsill għamel il-bankina iżda il-ħaddiema ma waqqgħux il-ħajt. Il-Kunsill iddeċieda li l-ħaddiema tagħna jirranġaw il-ħajt bil-ġebel li hemm biss.

52.5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet korrispondenza rigward Fond dwar Manutenzjoni ta' Proġetti Infrastrutturali. Il-Kunsill ippropona li naraw insibux Perit li jista' jara x'hemm bżonn isir fl-istatwa ta' Santa Marija minħabba li x-xogħol ma sarx sew filkaż napplikaw.

52.5.9 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-garanzija tal-*mini pitch* skadiet, għaldaqstant se tkun qed tinġieb stima biex isiru t-tiswijiet.

**52.6 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

52.6.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq kwotazzjoni għall-*concrete imprint* biex isir fejn il-funtana li hemm il-Bypass. L-istima hija ta' €4310. Il-Kunsill qabel li l-aħjar tinġieb stima oħra. F'każ li ma jkollnix, il-Kunsill approva din l-istima.

52.6.2 Is-Sindku Darren Abela ppropona li l-Kunsill jagħmel l-isqaqin bil-pavimentar. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill għandu stimi ta' tliet sqaqien li kien applika bihom għal fondi tal-Lesa. Il-Kunsill qabel li dan isiru, u f'każ li toħroġ l-iskema tal-LESA, jerġa' japplika għal fond. Il-Budget għal dawn ix-xogħlijiet huwa ta' €50,000.

52.6.3 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar is-sitwazzjoni tal-knis. Il-Kunsill qabel li l-kuntratt ma jerġax jiġġedded u jinħareġ tender ġdid. Il-Kunsillier Keith Fenech ppropona li nkellmu l-kuntrattur biex iż-żona ta' Bir id-Deheb titnaddaf kuljum kif inhu mitlub fit-tender.

52.6.4 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba mingħand resident sabiex fil—kantuniera tad-dar tiegħu jagħmel pots bil-pjanti Pots bil-pjanti. Il-Kunsill m'approvax din it-talba minħabba li dawn jistgħu ikunu ta' ostaklu. Jekk il-problema hija li qed jipparkjaw fil-kantuniera, il-Kunsill għandu jagħmel *double yellow line* biex ma jipparkjawx minħabba li qegħdin f'kantuniera.

52.6.5 Is-Sindku Darren Abela ppropona li ssir attivita' fil-Halloween. Huwa qal li l-Vici Sindku Christine Dalli kellha xi proposta, għaldaqstant għandna niddiskutuha fil-Laqgħa li jmiss.

52.6.6 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar l-attivitajiet li għandu fil-ħsieb li jsiru għall-Milied. Bħal kull sena il-Kunsill se jkun qed ikompli jżid iktar tiżjin maħdum bl-idejn bil-għajnuna ta' residenta u t-team tagħha. Se jsir xi tiżjin ġdid u l-Kunsill bħas-snin preċedenti jħallas il-materjal. Is-Sindku Darren Abela qal ukoll li din is-sena għandna naħdmu ukoll fuq ikla għall-anzjani, ħarġa għat-tfal, kif ukoll se jkellem liż-żgħażagħ tal-Kappillan jekk jixtiequx jagħmlu xi attivita'. Is-Segretarju Eżekuttiv ppproponiet li ssir ġabra ta' riġali taħt is-siġra tal-Milied li dawn wara jingħataw lil tfal vulnerabbli.

52.6.7 Is-Sindku Darren Abela ppropona li terġa ssir il-Carnival Fun Run is-sena d-dieħla. Il-Kunsill qabel.

52.6.8 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar is-sitwazzjoni tal-ħruġ minn Triq it-Tumbarellu għall-Bypass. Il-Kunsillier Keith Fenech qal li hawn ħafna ħwienet fil-lokal li quddiemhom ikun hemm ħafna parkeġġ illegali, għaldaqstant jekk għandha ssir, ssir quddiem il-ħwienet kollha fejn ikun hemm l-illegalitajiet. Il-Kunsill fil-maġġoranza qabel li ssir iżda qabel nitolbu l-approvazzjoni mill-LESA u li jistgħu jimmoniterjawha.

52.6.9 Is-Sindku Darren Abela qal li r-Risk Assessment tal-post tan-nar ta' Ħal Tarxien sar. Se Jkun qed jarah u jikkonfermah il-Kunsillier Keith Fenech biex wara jintbagħat.

52.6.10 Is-Sindku Darren Abela qal li l-Klabb tal-Bocci se jkun qed jagħmel attivita' fuq Santu Rokku u talbuna biex jinżabru s-siġar ta' fuq Santu Rokku minħabba l-attivita'. Talbuna wkoll biex għall-attivita' jużaw Santu Rokku bħala parkeġġ. Dwar dan il-Kunsill ma jaqbilx. Rigward il-ħlas tal-permess il-Kunsill qabel li jiġu eżentati għal din id-darba biss.

**52.7 Mistoqsijiet u Tweġibiet mill-Kunsilliera**

52.7.1 Il-Kunsilliera Rose Agius staqsiet dwar il-bus stop ta' Triq il-Bizzilla. Is-Sindku Darren Abela qal li dwar dan il-Bus Stop u oħrajn madwar Malta hemm każ il-Qorti u għaldaqstant mhux se jitwaħħal qabel jinqata' l-każ.

**52.8 Mozzjonijiet**

52.8.1 Annessi mal-Minuti

**52.9 Aġġornament tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

52.9.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 10 t' Ottubru 2022 fil-5.30pm.

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.30pm

________________________
Fiona Cutajar
Segretarju Eżekuttiv

________________________
ikkonfermati
Darren Abela
Sindku

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 52**

**Mozzjoni Ref:** 52-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 50

**Rose Agius**
**Proponent**

**Keith Fenech**
**Sekondant**

**Data:** 13 ta' Settembru 2022

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 52**

**Mozzjoni Ref:** 52-02

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagament Nru 52/08

| | |
|---|---|
| **Keith Fenech** | **Rose Agius** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

---

**Data:** 13 ta' Settembru 2022

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**